MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Numru 772/2001

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Bartolo
Sp Alfred Mallia)
vs
Melvin Bonnici, iben Michael,
imwieled Pieta' fil-25 ta'
settembru, 1983
u
Silvio Seisun, iben Connie Seisun,
imwieled Pieta' fl-4 ta' novembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –
1. talli f'Bormla, f'xi ħin bejn is-2.45 a.m. u is-7.00 a.m. tat-18 ta' diċembru, 2001 ikkomettew serq ta' diversi oġġetti fosthom deheb u flus liema serq sar għad-dannu ta' Joseph Buttigieg mill-Fgura u ta' Pauline Saliba minn Bormla u persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-ħin, bil-persuna u bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin;

2. talli f'dawn il-Għejjer, fl-istess data u ċirkostanżi xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ nisruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu sabiex ibiegħuhom jew imexxuhom, liema oġġetti ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltija;
3. talli f'Bormla, fl-istess data u ċirkostanżi bi ħsara tas-sid jew tad-detentur għamlu vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta' ta' ħaddieħor;
lil Melvin Bonnici, waħdu –
1. talli f'dawn il-Għejjer, f'xi jum bejn il-perjodu ta' bejn it-18 ta' diċembru, 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, ikkkometta serq ta' ċavetta, liema serq sar għad-dannu ta' Joseph Buttigieg mill-Fgura u hu kkwalifikat bil-persuna.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' lulju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fil-konfront ta' Melvin Bonnici, biss –
a. fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(d), 262(1)(b), 263, 267, 268, 270, 277, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 261(d), 268 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
fil-konfront ta' Silvio Seisun, biss –
a. fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(d), 262(1)(b), 263, 267, 268, 270, 277, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2006 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi dwar is-serq.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ frar, 2006 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li r-refurtiva ġiet ritornata kollha u li l-imputati kkolaboraw mal-pulizija.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta’ Melvin Bonnici, rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(d)(f), 262(1)(b), 263, 267, 268, 270, 277, 278, 279, 281 u 340(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Fil-konfront ta’ Silvio Seisun, rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(d)(f), 262(1)(b), 263, 267, 268, 270, 277, 278, 279 u 340(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------